



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2017/2039(INI)

9.11.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ fl-Istati Membri
(2017/2039(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Vilija Blinkevičiūtė

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi ż-żgħażaġh, u b'mod partikolari n-nisa żgħażaġh, kienu l-aktar li ntlaqtu ħażin matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika riċenti, li kellha impatt gravi mhux biss fuq l-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa żgħażaġh u fuq l-impjieg taż-żgħażaġh, iżda wkoll fuq il-benesseri mentali u fiżiku tagħhom, kif ukoll, b'mod ġenerali, fuq l-ambjent tax-xogħol tagħhom, is-sitwazzjoni demografika, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-aċċess għall-edukazzjoni jew it-taħriġ;
- B. billi madwar l-UE n-nisa għadhom konsiderevolment sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol u fil-livell ta' maniġment, b'rata ta' impjieg globali għan-nisa li għadha kważi 12 % anqas minn dik tal-irġiel;
- C. billi "t-tnaqqis tad-differenza bejn il-pagi, il-qligħ u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa u biex b'hekk jiġi miġġieled il-faqar fost in-nisa" huwa wieħed mill-prijoritajiet stabbiliti mill-Kummissjoni fid-dokument tagħha intitolat "L-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019";
- D. billi 31,5 % tan-nisa li jaħdmu, jaħdmu f'impjieg part-time, meta mqabbel ma' 8,2 % tal-irġiel li jaħdmu, u billi ftit aktar minn 50 % tan-nisa għandhom impjieg full-time, meta mqabbel mal-71,2 % tal-irġiel, ċifri li jindikaw disparità ta' 25,5 % fir-rata ta' impjieg full-time;
- E. billi l-bilanċ bejn il-ġeneri huwa indikatur li mhuwiex indirizzat kif suppost fi ħdan l-għanijiet tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI);
- F. billi l-Artikoli 9 u 10 tat-TFUE jistipulaw li, fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni trid tiżgura suq tax-xogħol inklużiv u integrat li jkun kapaċi jindirizza l-impatt gravi tal-qgħad u jiżgura livell għoli ta' impjieg; billi l-UE jeħtiġilha tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fl-Unjoni kollha, inklużi pagi adegwati, u tiggarrantixxi protezzjoni soċjali xierqa u f'konformità mar-regolamenti dwar ix-xogħol, il-ftehimiet kollettivi u f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif ukoll livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ u trid tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;
- G. billi s-sitwazzjoni ta' nisa u rġiel żgħażaġh u r-raġunijiet għaliex mhumiex f'impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEET) ivarjaw;
- H. billi diffikultajiet fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata minħabba appoġġ inadegwat ta' indokrar u r-responsabilitajiet tal-familja, kif ukoll id-distakk fil-liv tal-ġenituri u l-preġudizzju bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol bħala konsegwenza tagħhom, għadhom jillimitaw l-oportunitajiet tan-nisa fir-rigward tal-edukazzjoni, jinibixxu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u jaffettwaw l-għażliet tal-karriera u l-attività ekonomika tagħhom; billi, f'dan ir-rigward, f'ħafna Stati Membri, in-nisa jirrappreżentaw il-

maġġoranza kbira ta' ħaddiema impjegati f'impjiegi prekarji, part-time jew fl-hekk imsejħa "mini-jobs"; billi dan kollu li ssemma hawn fuq għandu impatt futur negattiv fuq il-pagi u fuq id-dħul relatat mal-pensjonijiet tagħhom;

- I. billi għan-nisa żgħażaġh f'żoni rurali, arranġamenti ta' impjiegi irregolari jew in-nuqqas li jirreġistraw bħala qiegħda jagħtu data statistika mhux preċiża u joħlqu diverġenzi fil-pensjonijiet tagħhom; billi din il-prattika tinfluwenza b'mod negattiv lis-soċjetà fl-intier tagħha u, b'mod partikolari, il-benesseri tan-nisa, forom ta' assigurazzjonijiet soċjali oħra u opportunitajiet għal bidliet fil-karriera jew possibilitajiet ta' impjiegi fil-futur;
 - J. billi r-rati tan-NEET qed jonqsu, għalkemm l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ ma tistax tiegħu l-kreditu kollu għal dan;
 - K. billi ż-żgħażaġh NEET huma grupp eteroġenu bi ħtiġijiet varji u għalhekk huwa tal-akbar importanza li jittieħdu miżuri sabiex in-nisa, il-bniet u l-aspett tal-ġeneri jsiru viżibbli f'Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ aġġornata;
 - L. billi, skont evalwazzjonijiet nazzjonali tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ, hemm diffikultajiet fl-involvement ta' żgħażaġh vulnerabbli f'xi Stati Membri; billi, fl-ewwel fażi tal-implimentazzjoni, l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ l-aktar spiss laħqet l-età żagħżuġha ta' bejn il-15 u l-24 sena (77 %), l-irġiel żgħażaġh (51 %), dawk li mill-inqas għandhom kwalifiki sekondarji għolja (75 %) u l-persuni qiegħda (77 %) aktar milli l-persuni mhux attivi, skont sħarriġ tal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tard fl-2015;
1. Jilqa' t-tnaqqis fl-għadd ta' żgħażaġh qiegħda u taż-żgħażaġh NEET fl-UE mill-2013; jissottolinja, madankollu, il-fatt li l-qgħad fost iż-żgħażaġh għadu ta' tħassib ewlieni f'bosta Stati Membri;
 2. Jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ u metodoloġija bi strateġija doppja bbażati fuq l-integrazzjoni tal-ġeneri b'implimentazzjoni orizzontali għall-inizjattivi, il-politiki u l-miżuri kollha tal-UE fil-kuntest tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ, b'attenzjoni speċjali għan-nisa u l-bniet;
 3. Jenfasizza li l-istabbiliment u l-iżgurar ta' standards minimi u l-kwalità tal-impjiegi offruti fil-qafas tal-Inizjattiva Favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ huma ta' importanza kbira, għandhom jiġu ssalvagwardjati għaż-żgħażaġh kollha li (jergħu) jidħlu fis-suq tax-xogħol u għandhom iqisu mhux biss il-profil professjonali jew esperjenza ta' xogħol u d-domanda tas-suq tax-xogħol, iżda għandhom jinkludu wkoll: impjiegi bbażati fuq kuntratti, kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien deċenti, salarji, drittijiet ta' sigurtà soċjali u drittijiet tal-pensjoni deċenti, aċċess għall-faċilitajiet ta' indokrar tat-tfal, perjodi ta' liv, btajjel, u impjiegi permanenti;
 4. Jirrikonoxxi s-suċċess tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ fit-tnaqqis fir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u fl-iżgurar tal-bilanċ bejn il-ġeneri b'mod partikolari, bir-riżultat li l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ laħqet madwar 48 % tal-irġiel u 52 % tan-nisa;
 5. Jitlob lill-Istati Membri jimplementaw kemm id-Direttiva 2000/78/KE dwar l-ugwaljanza fit-trattament fl-impjiegi u fix-xogħol kif ukoll id-Direttiva 2010/41/UE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività

li fiha jaħdmu għal rashom fl-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ;

6. Iqis neċessarju li l-Kummissjoni u l-Istati Membri joħorġu b'miżuri pożittivi sabiex ikun żgurat li n-nisa u l-bniet jirċievu offerti ta' impjiegi ta' kwalità tajba u ma jgħux impjegati jew maqbuda f'impjiegi prekarji, b'salarji baxxi u impjiegi temporanji bi drittijiet limitati jew l-ebda dritt bħala ħaddiema;
7. Ifaħħar l-approċċ immirat u ffukat tajjeb u l-enfasi aktar qawwija fuq l-assistenza individwalizzata, li kkontribwew għas-suċċess ġenerali tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ u, b'mod partikolari, għas-suċċess fl-iżgurar tal-bilanċ bejn il-ġeneri, li għandu impatt akbar fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; iħeġġeġ il-promozzjoni ta' kuxjenza dwar il-ġeneri fil-livell ta' konsulenza u t-tagħlim tul il-ħajja fis-servizzi tal-impjiegi pubbliki li qed isiru disponibbli biex isostnu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol u biex jerġgħu lura lejn is-suq tax-xogħol wara waqfiet fil-karriera;
8. Jistieden lill-Istati Membri jiġbru data statistika diżaggregata skont il-ġeneru sabiex il-Kummissjoni tnedi valutazzjoni tal-impatt tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ u l-influwenza tagħha fuq il-bilanċ bejn il-ġeneri sabiex tippermetti evalwazzjoni u analiżi bir-reqqa tal-implimentazzjoni tagħha;
9. Jistieden lill-Istati Membri, filwaqt li jissottolinja wkoll l-importanza li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u atturi rilevanti oħra f'dan ir-rigward, jiżviluppaw modi ġodda, innovattivi u aktar personalizzati biex jilhqqu persuni NEET mhux attivi, li qegħdin jiffaċċjaw ostakoli bħall-faqar, l-esklużjoni soċjali, id-diżabilità jew diskriminazzjoni multipla; kif ukoll itejbu b'mod sinifikanti l-komunikazzjoni, li tkun tista' tiġi adattata faċilment għal gruppi fil-mira differenti, u biex isibu modi kif jappoġġjaw id-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni jew it-taħriġ ta' nisa żgħażaġh, billi jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-aċċess għall-impjiegi, il-progress fil-karriera, ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja privata, fl-għoti ta' servizzi għall-indokrar tat-tfal u l-indokrar tal-adulti, u permezz tal-promozzjoni ta' paga ugwali għal ħaddiema nisa u rġiel għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali;
10. Ifakkar li għlieda effikaċi kontra l-istereotipi tal-ġeneri hija kruċjali sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-setturi kollha tas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Unjoni tkun minn ta' quddiem fil-għlieda kontra l-istereotipi tal-ġeneri, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni, tax-xogħol u tat-taħriġ ulterjuri;
11. Jenfasizza l-ħtieġa li ssir enfasi fuq il-kwalità u s-sostenibilità tal-offerti; iħeġġeġ inizjattivi li jimmiraw l-indirizzar tas-segregazzjoni tal-ġeneri fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol; jindika l-importanza tal-appoġġ, abbażi ta' politiki mmirati, tal-inklużjoni tal-bniet u n-nisa żgħażaġh fis-setturi kollha tal-ekonomija, inklużi x-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u l-intraprenditorja; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu programmi, korsijiet ta' taħriġ u edukazzjoni li jagħtu spinta lill-kapaċità elettronika u l-ħiliet diġitali taż-żgħażaġh, speċjalment fost in-nisa u dawk li jgħixu f'żoni rurali jew remoti sabiex jgħinuhom jiksbu indipendenza ekonomika sostenibbli u fit-tul, u jsiru ħallieqa attivi ta' opportunitajiet ta' impjiegi;
12. Jissottolinja l-fatt li programmi bħall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ inħolqu b'reazzjoni għal ċirkostanzi partikolarment negattivi; jinnota, madankollu, li programmi bħal dawn ma jistgħux jitqiesu bħala sostituti għal

soluzzjonijiet sistemiċi biex jiġu indirizzati livelli għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-Istati Membri;

13. Jistieden lill-Istati Membri jkomplu jimplimentaw l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, filwaqt li jirrimedjaw id-dgħufijiet tagħha, u jiżguraw it-tkomplija tal-finanzjament tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ matul it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss;
14. Jenfasizza l-hteġa li jiġu introdotti kwoti tal-ġeneri mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, meta jitqies li din il-miżura pożittiva weriet li hija waħda mill-aktar għodod effettivi biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi, id-diskriminazzjoni u l-iżbilanċi bejn il-ġeneri;
15. Jistieden lill-Istati Membri jikkondividu l-aħjar Prattiki sabiex jitgħallmu minn xulxin biex jiżguraw l-aħjar effett tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ;
16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jevalwaw bir-reqqa u jqisu l-finanzjament fil-futur tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, fid-dawl tal-valur miżjud tagħhom f'termini ta' żieda sostenibbli fit-tul fl-impjegi taż-żgħażaġh;
17. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu soluzzjonijiet magħmula apposta li jiddependu fuq ir-reġjuni speċifiċi kkonċernati u jevitaw soluzzjonijiet "b'approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd", li mhux appoċċ produttivi;
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħroġ bi proposta aġġornata għal żieda fil-baġit għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ u l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, peress li, minħabba l-kriżi Ewropea u l-kriżi ekonomika li għaddejjin bħalissa u minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku bħala konsegwenza, l-Istati Membri għadhom qed jitħabtu ma' livelli għolja ta' qgħad, dejn pubbliku, tkabbir baxx u investment insuffiċjenti, kif ukoll tnaqqis fin-nefqa pubblika;
19. Jistieden lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jimmiraw lill-gruppi ta' interess kollha, speċjalment dawk li jgħixu f'żoni remoti jew rurali li huwa anqas probabbli li jkunu mħarrġa u infurmati kif inhu xieraq.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	6.11.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Malin Björk, Vilija Blinkevičiūtė, Anna Maria Corazza Bildt, Arne Gericke, Mary Honeyball, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Florent Marcellesi, Angelika Niebler, Marijana Petir, Terry Reintke, Michaela Šojdrová, Anna Záborská, Jana Žitňanská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Kostadinka Kuneva, Edouard Martin, Evelyn Regner, Jordi Solé, Marc Tarabella, Mylène Troszczynski, Julie Ward
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ulrike Müller, Gabriele Preuß

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

19	+
ALDE	Ulrike Müller
GUE/NGL	Malin Björk, Kostadinka Kuneva
PPE	Anna Maria Corazza Bildt, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Angelika Niebler, Marijana Petir, Michaela Šojdrová, Anna Záborská
S&D	Maria Arena, Vilija Blinkevičiūtė, Mary Honeyball, Edouard Martin, Gabriele Preuß, Marc Tarabella, Julie Ward
VERTS/ALE	Florent Marcellesi, Jordi Solé, Terry Reintke

0	-

3	0
ECR	Arne Gericke, Jana Žitňanská
ENF	Mylène Troszczynski

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni